MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta ta' l-24 ta' Settembru, 2003

Talba Numru. 785/2002/1

**Atlas Insurance Agency Limited bhala rappresentanti tas-socjeta' estera AXA Insurance Plc surrogata fid-drittijiet tal-assikurat taghha Philip Peel u l-istess Philip Peel**

**Vs**

**Jean Theobald**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-atturi talbu l-hlas ta' Lm997.13c (disa' mija u sebgha u disghin lira Maltin u tlettax-il centezmu) rappesentanti danni f'incident ta' traffiku kif ahjar deskritt fl-Avviz.

Ra r-Risposta tal-konvenuta fejn qalet li l-incident gara unikament tort tal-attur Peel. Il-konvenuta qalet ukoll li d-danni huma esagerati.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li Stephen Conti claims manager mas-socjeta’ attrici esebixxa l-ircevuti.

Skond il-Motor vehicle Accident Report iffirmat mill-attur Peel:

“insured was proceeding along going near University when third party from behind dashed into our insured’s vehicle on the rear end and ended on the side”.

Il-konvenuta qalet li kienet gejja mill-Marsa, harget karozza minn go side street, ma setatx tibbrekja u habtet. Wara l-incident Peel qalilha li hu ried jidhol fil-lane tal-universita. Il-konvenuta qalet li Peel kien ammetta li ha zball fil-lane.

Fir-rapport tal-Pulizija PS 1373 John Micallef kiteb il-versjonijiet li taw il-partijiet kif gej:

**Peel**: “whilst driving from University towards B’Kara, collision occurred on the rear side.”
**Theobald**: Whilst driving from Santa Venera By Pass into Dun Karm Street, always on the slow lane, collision occurred with BAG 789 that emerged from Tower Street onto Dun Karm Street, without using any type of lights or indicators”.

Meta xehed PS Micallef hu qal li l-konvenuta qalet li BAG 789 harget minn Tower Road li hija trejqa mal-gemb. Il-konvenuta ma kienitx taghat spjegazzjoni ghaliex il-karozza taghha spiccat kif impingi fuq l-iskizz. Il-karozza tal-konvenuta kellha hsara ukoll fuq quddiem.

Fil-kontro-ezami l-konvenuta qalet li mhux veru li habtet fuq wara tal-karozza tal-attur izda habtet fuq il-gemb tal-lemin. Theobald qalet li kien hemm daqqa fuq wara tal-BAG 789 izda din kienet hemm qabel il-habta. Il-konvenuta qalet li ma kienx hemm distanza kbira minn fejn hareg l-attur sakemm sar l-incident. Il-konvenuta tghid li meta grat l-incident hi kienet fis-slow lane u giet f’nofs it-

triq b'risultat tal-habta. Il-konvenuta qalet: "Meta rajtu quddiemu ma gbidtx il-barra izda bqajt fuq is-slow lane….l-attur hareg fuq is-slow lane".

Ikkunsidra li l-attur ma setax jixhed ghaliex miet.
Il-konvenuta tghid li l-attur hareg minn Tower Road ghal fuq il-main road. Din il-versjoni hi kredibbli ghaliex l-attur spicca mal-gemb nett tat-triq u mhux fis-slow lane. L-attur saq ghal xi 18 il-metru fil-main road qabel ma gara l-habta. Illi l-attur kellu l-obbligu li jara li jkun jista johrog fuq il-main road minghajr ma jostakola t-traffiku fil-main road.

Illi f'kawzi civili l-attur li jallega li xi haga gratlu tort tal-konvenut irid jipprova huwa a sodisfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx dina l-prova l-azzjoni ma jistax illha ezitu favorevoli, anke jekk il-konvenut ma jipprovax, ghaliex legalment mhux obbligat li jipprova - li l-incident ikun gara tort tal-attur. Dan mhux ghaliex it-tort ghall-incident ikun tal-attur imma sempliciment ghaliex ma jkunx irnexxielu jipprova dak li allega bhala bazi tal-azzjoni tieghu (ara Mallia Vs Anastasi PA 3/10/1996).

Illi mill-provi prodotti t-Tribunal ma jistax jikkonkludi li l-konvenuta kienet responsabbli ghall-incident.

Ghalhekk jichad it-talba attrici bl-ispejjez kontra l-atturi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------